NHAR IL-ĦADD 26 TA' LULJU 2026, IL-PJAZZA TAL-QALA SE TOSPITA KUNĊERT UNIKU MINN FR ROB GALEA, SAĊERDOT, KANTAWTUR U AWTUR MALTI LI LLUM HU MAGĦRUF FUQ LIVELL INTERNAZZJONALI GĦALL-MUŻIKA U L-MESSAĠĠ TA' TAMA LI JWASSAL

FIL-PJAZZA TAL-QALA: Fr Rob Galea Live in Concert

Imwieled Malta u llum ibbażat fl-Awstralja, Fr Rob għandu storja li tispira lil ħafna żgħażagħ. Meta kien żagħżugħ għadda minn żmien diffiċli mimli ribelljoni, droga, serq, depressjoni u ansjetà.

Kien żmien meta ħassu mitluf u bla direzzjoni. Iżda l-laqgħa tiegħu ma' Alla biddlet ħajtu kompletament. Illum, permezz tal-vokazzjoni tiegħu u tal-mużika, iwassal messaġġ ta' fidi, tama u mħabba lil miljuni ta' nies madwar id-dinja, b'mod partikolari liż-żgħażagħ.

Matul il-karriera tiegħu, Fr Rob ħareġ għaxar albums, rebaħ diversi premjijiet internazzjonali u kiteb numru ta' kotba. Kien ukoll parteċipant fil-programm X Factor Australia, ipproduċa kanzunetti uffiċjali għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ u kanta quddiem udjenzi ta' mijiet ta' eluf ta' persuni.

Apposta mill-Awstralja

Għal din l-okkażjoni, Fr Rob se jiġi apposta mill-Awstralja biex iwassal il-messaġġ tiegħu f'Għawdex f'dan il-kunċert. Is-serata tibda fit-8pm bil-preżentazzjoni tal-kantanta Għawdxija Jolene Samhan, qabel jibda l-kunċert live ta' Fr Rob Galea flimkien mal-band tiegħu.

Id-dħul għall-kunċert huwa kompletament bla ħlas, u l-pubbliku kollu huwa mistieden jattendi.

Dan il-kunċert qed jiġi organizzat minn Radju Leħen il-Qala bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tat-30 sena anniversarju mit-twaqqif tar-radju – l-ewwel stazzjon tar-radju komunitarju f'Għawdex li kiseb liċenzja permanenti.

L-organizzaturi jistiednu b'mod speċjali liż-żgħażagħ, lill-familji u lil kull min jixtieq jisma' storja ta' tama u konverżjoni, biex [illegible] għal din is-serata unika fil-Pjazza tal-Qala.

L-ewwel stazzjon tar-radju komunitarju

Din is-sena, il-komunità tal-Qala qed tiċċelebra anniversarju mill-isbaħ. Radju Leħen il-Qala qed jagħlaq tletin sena mill-ewwel xandira uffiċjali tiegħu. Din il-kisba mhix biss tragward għall-istazzjon innifsu, iżda hija xhieda ħajja ta' xi jfisser l-impenn komunitarju u l-imħabba lejn ir-raħal. Matul dawn it-tliet deċennji, ir-radju daħal fi djar dawk kollha li jħobbu l-Qala, kemm f'Għawdex, f'Malta, kif ukoll lil hinn minn xtutna.

Meta nħarsu lura lejn il-bidu tiegħu, [illegible] l-istazzjon [illegible] Radju [illegible] il-Qala għandu [illegible] il-prestiġju li jkun [illegible] stazzjon komunitarju [illegible] Għawdex li kiseb [illegible] permanenti mill-[illegible] tax-Xandir.

D[illegible] pass żgħar u pos[illegible] dan l-istazzjon fuq l-m[illegible]mezzi ta' komunikazzjoni lokali. Kollox be[illegible] umli ħafna, m[illegible] żgħira u sem[illegible] fuq is-sagristija [illegible] Arċipretali tagħna [illegible] bil-hemmhekk [illegible] rrieghra [illegible] progett [illegible] kellu jikber u jirriżulta [illegible] sena wara l-oħra.

Matul [illegible], grazzi għal viżjoni [illegible] determinazzjoni kbira, l-istazzjon għadda minn trasformazzjoni sħiħa. Dik il-kamra żgħira tal-bidu nbidlet fi studjows moderni, mgħammra bl-aqwa teknoloġija li ssib fid-dinja tax-xandir tal-lum.

Fl-istess ħin, ir-radju ma baqax biss stazzjon li jisegwih biss minn fuq is-sett tar-radju. Permezz ta' investiment kontinwu, beda x-xandir awdjoviżiv b'mod kontinwu fuq l-internet. Din il-bidla teknoloġika kienet ta' faraġ u ferħ kbir għal-emigranti Qalin kollha mxerrdin madwar id-dinja, li issa setgħu mhux biss jisimgħu [illegible] [illegible] [illegible] [illegible] fl-Awstralja, l-Amerika jew l-Ewropa.

Radju Leħen il-Qala

[illegible] mill-isbaħ u l-akbar mertu ta' Radju Leħen il-Qala huwa l-ispirtu li dejjem ta liż-żgħa[illegible]. Matul dawn it-tletin [illegible] għadd kbir ta' tfal u [illegible] sabu f'dan [illegible] bieb miftuħ biex [illegible] id-dinja tax-xandir.

Hemmhekk [illegible] tgħallmu jitkellmu, [illegible], imexxu programmi u jużaw l-apparat [illegible]. Għal ħafna minnhom, [illegible] l-esperjenza kienet [illegible] tal-ħajja li bniethom [illegible] persuni u rnaw utli ħafna fil-futur [illegible].

[illegible]

[illegible] Dan il-[illegible] waqfien ma kienx [illegible] possibbli mingħajr l-impenn kontinwu ta' żewġ kolonni ewlenin: il-voluntiera numerużi li ddedikaw ħinhom b'xejn biex iwasslu l-aqwa programmi, u l-benefatturi numeruži Qalin.

Kienet il-ġenerożità tal-poplu tal-Qala, kemm dawk f'Malta kif ukoll dawk barra minn pajjiżna, li mliet il-magna tar-radju bil-fjuwil finanzjarju u l-inkuraġġiment meħtieġ biex jibqa' għaddej.

F'dan l-anniversarju speċjali, filwaqt li dan ir-radju jħares b'sodisfazzjon u [illegible] rija lejn il-passat, [illegible] ukoll b'fi[illegible] il-futur. [illegible] Leħen il-Qala [illegible] stazzjon tar-[illegible] il-komunità tal-Qala u l-[illegible] ir-raħal [illegible] familja u komunità waħda, taħt il-ħarsien ta' San Ġużepp u tal-Immakulata Kunċizzjoni.

F'dan it-30 anniversarju, l-Amministrazzjoni ta' Radju Leħen il-Qala tirringrazzja lil dawk li waqqfu dan l-istazzjon komunitarju, kif ukoll lil dawk kollha li, b'modi differenti, sostnewh u taw is-sehem tagħhom matul is-snin, sabiex dan il-leħen kompla jidwi u jissaħħaħ għall-ġid tal-komunità.